# Il-Ħadd 18.03.2018

1. Illum 18/03, **il-Ħames Ħadd tar-Randan**:
   - Infakkar li għandna qfif madwar l-altar biex inġibu affarijiet li wara jiġu mgħoddija lis-Segretarjat Assistenza Soċjali tal-Azzjoni Kattolika biex jingħataw lill-persuni fil-bżonn.
2. It-Tnejn 19/03, **Solennità ta' San Ġużepp, ir-Raġel ta' Marija, Omm Alla**.
3. L-Erbgħa 21/03: Pellegrinaġġ għas-Salib tal-Għolja: *(Għal min jixtieq, speċjalment għaż-Żgħażagħ)*
   - Fis-7:15pm - Nitilqu lejn is-Siġġiewi fejn nitilgħu lejn is-Salib tal-Għolja waqt li nagħmlu riflessjonijiet u talb. Min bi ħsiebu jiġi, jinkiteb fis-Sagristija u jara li jġib *torch*.
4. Il-Ħamis 22/03**, Lejliet id-Duluri, Jum iddedikat għar-Rikonċiljazzjoni**:
   - *Filgħodu - Qabel u wara l-ħin tal-quddies.*
   - *Filgħaxija - Mill-5:00pm 'il quddiem.*
   - Fis-5:45pm - Ċelebrazzjoni ta' Maħfra mmexxija minn tal-MUSEUM.
   - Fis-6:30pm - Quddiesa li matulha jibqa' għaddej il-qrar.
5. Il-Ġimgħa 23/03, **Festa Devozzjonali tad-Duluri**:
   - *Filgħodu:-* Mis-7:00am sas-7:30am - Qrar Fis-7:30am - Quddiesa
   - *Filgħaxija:-* Mill-4:30pm 'il quddiem - Qrar Fil-5:30pm - Quddiesa
     Fis-6:30pm - Purċissjoni li tgħaddi minn:
     Misraħ il-Knisja, Triq San Pawl, Triq San Ġużepp, Triq San Ġorġ,
     Triq Ħlantun, Trejqet it-Twemmin, Triq San Tumas, Triq Ta' Ġawhar,
     Triq l-Iskola, Triq iż-Żurrieq, Misraħ il-Knisja għall-Knisja Parrokkjali.
     Wara l-Purċissjoni - Quddiesa kantata.
6. Is-Sibt 24/03:
   - Mill-5:00pm sal-5:30pm jiltaqa' l-grupp tal-Abbatini.
7. Il-Ħadd 25/03, **Ħadd il-Palm**:
   - Fit-8:00am - Nitilqu mill-Knisja, u ninġabru fuq iz-zuntier tal-knisja ta' Santa Marija.
   - Fit-8:15am - Jitbierek iż-żebbuġ u tingħata bidu għall-Purċissjoni li tgħaddi minn: Triq Santa Marija, Triq il-Kenn Triq il-Menqa, Triq l-Iskola, Triq Dun Ġużepp Caruana, Misraħ il-Knisja, għall-Knisja Parrokkjali.
   - Fit-8:30am - Inkomplu bil-quddiesa fejn fl-offerti t-tfal tal-katekiżmu jippreżentaw il-Karus ta' Mħabba.
   - Fil-5:30pm - Quddiesa
   - Mis-6:30pm sas-7:30pm - Il-Parroċċa tagħna flimkien mal-Kunsill Lokali qed jistednukom għall-***'Tenebrae',*** Kunċert fil-Ġimgħa Mqaddsa imtella' mill-Kor 'Sine Macula' u n-'Novum Ensemble', b'mużika, kant u qari adatti għal daż-żminijiet.
8. Avviżi oħra:
   - Min jixtieq jerfa' fid-Duluri mitlub jidħol jinkiteb fis-Sagristija.
   - Matul dawn il-jiem ser jibda jkollna xi wirjiet marbuta mal-Ġimgħa Mqaddsa li jibdew mill-Ġimgħa 18/03. Tajjeb li nsibu ħin inżuruhom:
     - Il-Wirja mtella' mis-Sezzjoni Żgħażagħ tal-Każin San Pawl fiċ-Ċentru Parrokkjali;
     - Il-Wirja mtella' f'nru 28, Triq Dun Ġużepp Caruana.
9. Avviżi tal-Kunsill Lokali:
   - Is-Sibt 24/03, fid-9:00am fis-Sala tal-Kunsill Lokali ser issir lezzjoni bażika bla ħlas u li hija miftuħa għal kulħadd, inkluż tfal, dwar ic-CPR u l-użu tal-magna tal-AED. Aktar informazzjoni u reġistrazzjoni għal-laqgħa mill-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali.
10. Matul din il-ġimgħa daħlu:
    - € 25 bħala donazzjonijiet b'risq il-manutensjoni tal-knisja u l-proġetti tar-restawr.
    - € 410 minn ħarġa li kellna. Grazzi mill-qalb.